**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 78 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Antoine Cassar**

Illum, 22 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antoine Cassar, detenur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru **206086 M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-24 ta' Jannar 2019, ghal habta ta' 19.40hrs gewwa Triq Santa Klementina, Zurrieq:

1) Ikkaguna griehi li jitqiesu li huma hfief, izda li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-gisem ta' Marija Cassar hekk kif iccertifikat minn Dr Mark Aquilina MED REG 3419 kemm moralment importanza zghira.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Marija Cassar jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Artiklu 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti sabet lil imputat Antoine Cassar hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2).

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile Marija Cassar ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u rabtet lill-imputat Antoine Cassar b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile Marija Cassar.

Rat ir-rikors tal-appellanti Antoine Cassar minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **<u>THASSAR U TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata billi **<u>TIDDIKJARA</u>** li l-istess sentenza hija nulla, u b'hekk **<u>TORDNA</u>** illi l-atti kollha għandhom jerġgħu jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għas-smiegħ mill-ġdid tagħhom, u dan sabiex l-appellant ma jiġix mcahhad mill-benefiċċju tad-*doppio esame*; fin-nuqqas li tilqa' din it-talba, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **<u>THASSAR U TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontrih, u minflok **<u>TIDDIKJARAH</u>** mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minnha; sussidjarjament <u>TIRRIFORMA</u> s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta ghal-kaz odjern;

Rat Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant in suċċint huma s-segwenti

(1) In-nullita` tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta` Malta għaliex ir-rekwiżiti tal-imsemmi artiklu 382 ma` ġewx osservati, fis-sens li l-artiklu jesiġi li fis-sentenza tagħha l-Qorti għandha *"tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."* F'dan is-sens l-akkużat instab ħati permezz ta' sentenza fil-konfront tiegħu li naqset milli tiddikjara l-fatti.

(2) Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, umilment jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u dan għaliex il- provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-liġi;

(3) Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan għaliex l-piena fil-konfront tiegħu mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda eċċessiva;

**1. In-Nullita tas-Sentenza**

Illi fl-ewwel lok jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza illi ma tirrispetax in toto r-rekwiżiti mitluba mil-liġi, senjatament l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jiġi spjegat illi dan qed jiġi sottomess in vista tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tindika l-fatti fis-sentenza tagħha u għalhekk is-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant hija nulla u bla effett. Jidher illi l-appellant instab ħati wara li l-Ewwel Qorti rat l-Artikoli 7 u 221 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza kkundanatu għal tlett (3) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' sentejn (2).

Illi bir-rispett dovut, din il-mankanza da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti toħroġ iktar ċara meta din il-Qorti tqis il-verbal tas-seduta li fiha ingħatat is-sentenza fejn hemmhekk il-Qorti verbalizzat biss li "*qed issib lill-imptuat ħati*" mingħajr ma semmiet il-fatti de quo. Huwa minnu, li hija sentenza dattilografata li għandha torbot, iżda sfortunatament lanqas din ma titfa' wisq dawl stante lill-imputazzjoni ma tniżżlitx fil-parti dispozittiva u cioe' d-decide. L-Ewwel Qorti saħqet biss li "*qed issib lil imputat Antoine Cassar hati ta' l-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu*" u in linea ma' ġurisprudenza paċifika ta' din il-Qorti tiġi għalhekk li ma provdietx għal fatti li tagħhom ġie misjub ħati l-appellant.

Illi fil-fatt l-Artikolu 382 tal-Kap 9 jiddisponi s-segwenti:

*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

Illi l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Mel Spiteri** deċiża minn din l-istess Qorti nhar is-17 t'Ottubru 2019 fejn *ex officio* il-Qorti qajjmet in-nullita` tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Illi f'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

*Bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tifhem li kellhom mhux biss jitnizzlu l-imputazzjonijiet li taghhom l-akkuzat kien gie akkuzat kif filfatt ghamlet l-Ewwel Qorti izda kellu anke fil-parti dispositttiva jitnizzel kjarament ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htjia u sussgewentement kif ghamlet tnizzel l-artikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija u tinfliggi l-piena. Ghalkemm jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset l-imputazzjonijiet fil-parti tas-sentenza ddedikata ghal kunsiderazzjonijiet u iddikjarat jekk kinitx qiegħda ssib ħtija, gialadarba ma jirrizultax li fil-parti dispositttiva gie mnizzel ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija, sejra ex officio tikkunsidra jekk dan iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata. (aċċen miżjud)*

F'dik is-sentenza l-Qorti kienet konsegwentement għaddiet *biex ex officio* tannulla s-sentenza appellata u dan nonostante li fi kliemha stess:

*"l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonjiet taghha taghmel analizi dettaljata tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u anke tindika taht liema artikoli l-akkuzat kien qieghed jinstab hati u fil-kunsiderazzjonijiet taghha tnizzel ukoll fejn ma kinitx qieghda ssib htija u cioe' ta' dak stipulat fl-artikolu 89(1) 'tal-imsemmi Avviz Legali', tenut kont tal-fatt li l-Ewwel Qorti fil-parti dispositttiva ghalkemm nizlet l-artkoli tal-ligi li tahthom kienet qieghda ssib htija, ma nizlitx l-imputazzjonijiet fl-istess parti dispositttiva li tahthom kienet qieghda ssib htija, ifisser li dak rikjest ad validitatum mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat."* (accenn miżjud)

Illi meta wieħed iqis dak li qalet din il-Qorti stess fil-kawża sucitata mal-kaz odjern li għandha quddiemha din il-Qorti jinnota li f'dan il-każ minkejja illi l-Ewwel Qorti kkundannat lil l-appellant għal piena oneruża u cioe' ta' tlett (3) xhur priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn, naqset anke milli tispjega b'mod dettaljat liema provi wassluha sabiex issib ħtija fl-appellant. Fil-fatt jekk wieħed jaqra l-

konsiderazzjonijiet magħmula minn l-Ewwel Qorti sabiex sabet ħtija, jsib biss sentenza waħda ġenerika mingħajr spjegazzjoni, li mhux imsejsa fuq il-provi prodotti.

F'dan is-sens l-appellant jagħmel referenza wkoll għas-sentenza ta' din l-istess Qorti fil-każ **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** deċiża nhar is-27 ta' April 2006 fejn il-Qorti irriteniet illi:

*Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in* parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat. (aċċen miżjud)

Fil-fatt, f'dan l-istadju, l-esponenti ser jerga' jagħmel referenza għal diversi deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati tagħna, liema deċiżjonijiet jsostnu li jekk il-formalitajiet ta' artikolu 382 ma jiġux imħarsa, is-sentenza tkun waħda nulla u bla effett skont il-Ligi.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Azzopardi et.,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena 1999, ġie tenut:

*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio.*

Fil-kawza **<u>Il-Pulizija v. Mario Agius</u>**, mogħtija nhar it- 3 ta' Frar tal- 1995, il-Qorti tenniet:

*In-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali.*

Illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element, is-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant hija irrita u għandha tiġi dikjarata nulla stante illi l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma segwietx d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Kenneth Borg</u>** deċiża fl-14 ta' Novembru 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet eżami akkurat dwar jekk nuqqasijiet bħal dawn għandhomx iwasslu għan-nullita` jew le u konsegwentement iddeċidiet fl-affermattiv:

Huwa minnu illi l-Artikolu kkwotat mill-Magistrat 45 (1) (d) tal-Kap 399 ma jezistix, hu ovju illi l-Magistrat kellu jnizzel 35A tal-Kap 399. Il-Qorti tqis dan l-izball bhala lapsus tal-Magistrat illi forsi kien distratt sforz l-ghagla jew il-pressjoni ta' xoghol anke bl-ammont ta' kawzi u nies jistennew fl-Awla illi dak il-hin facli tiehu zball bhal dan, pero' tajjeb jew hazin zball bhal dan dejjem gie meqjus bhala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jgib miegħu nnullita tas-Sentenza appellata

Illi din is-sena stess, fis-6 ta' Frar 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Matthew Vella</u>** saħqet kif sottopost u waslet għall-konklużjoni li tannulla s-sentenza appellata:

*Din il-Qorti jidhrilha li dan wisq probabbli kien każ ta' lapsus calami jew computeri da parti tal-Qorti tal-Maġistrati, madanakollu tali żball iġib miegħu konsegwenzi. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi: Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li jkun tikkontempla r-reat.*

Fl-umli fehma tal-appellant meta din il-Qorti tifli bir-reqqa s-sentenza appellata anke f'kuntest tal-ġurisprudenza nostrana ssib lill-Ewwel Qorti naqset milli telenka l-fatti u għaldaqstant, l-esponenti appellant filwaqt illi umilment jissottometti illi l-Ewwel

Onorabbli Qorti tat sentenza illi ma tirrispetax in toto r-rekwiżiti mitluba mil-liġi fl-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tgħaddi biex tannulla s-sentenza appellata, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex ir-rikorrenti ma jiġix pprivat mill-benefiċċju tad-doppio esame.

2. **Apprezzament Żbaljat tal-Provi**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu; filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi u del resto, anke' jgħalmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe' beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew għaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F’dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta’ prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta’ prova li ma jħalli ebda ombra ta’ dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b’applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi fil-kaz odjern, jidher li l-Ewwel Qorti straħet ampjament fuq ix-xhieda viva voce li tat l-allegata vittma filwaqt li ma kkonsidratx l-inkonsistenzi fid-depożizzjoni tagħha. Konsegwentement dak li xehdet ma kellux jinghata daqstant piz stante li fl-umli fehma tal-esponenti kienet xhieda kkulurita u amplifikata sew u dan kif ser jiġi muri fis-sottopost.

Fl-ewwel lok jiġi rilevat illi x-xhieda tal-appellant li għażel li jixhed fil-proċeduri u x-xhieda tal-parte civile Maria Cassar kienu l-unika żewġ xhieda li inġiebu jixhdu viva voce quddiem l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant stante lill-Qorti kienet rinfaccjata b’verżjonijiet kontrastanti ta’ kif seħħew il-fatti fl-umli fehma tal-appellant, hija kellha tagħmel eżami iktar akkurat ta’ dak lix-xhieda ddeponew quddiemha. Illi filwaqt lill-parti leza ddeponiet quddiem l-ewwel Qorti darbtejn bil-ġurament waqt ix-xhieda tagħha li *“tani daqqa ta’ ħarta go wiċċi”* l-appellant b’mod mill-iktar onest xehed quddiem l-Ewwel Qorti li *“zelqitli idejha u giet go wiccha dik ma nichadhiex imma daqqa ta’ harta ma tajthieliex.”*

Illi rinfaccjata b’verzjonijiet kunfliggenti l-Ewwel Qorti setghet facilment qablet tali depozizzjonijiet mal-iktar evidenza imparzzjali li kellha quddiemha u cioe’ c-ċertifikat mediku tat-tabib Dr. Mark Aquilina li invista lil Maria Cassar dakinhar tal-inċident. Miċ-ċertifikat mediku jidher li hija kellha *“nefħa u ħmura fuq in-naħa tax-xellug tal-ħalq u madwar ix-xofftejn (l-istess naħa).”* In oltre, kienet Maria Cassar stess li meta mistoqsija mill-Ewwel Qorti jekk ingħatatx xi medikazzjoni hija xehdet *“Le,*

*qalli kemm tagħmel naqra silġ."* Illi għalhekk anke jekk huwa minnu li ġiet ċertifikata li kellha nefħa u ħmura ma jistax ikun li dawn saru f'dan l-episodju bil-mod kif irrakkontat hi u dan għaliex bir-rispett jinghad li nefha u hmura ma hix kompattibli ma daqqa tal-portata li spjegat il-parti leza u dan stante li hija haga logika u ragunata li meta xi hadd ifajjar daqqa go halq xi hadd il-konsegwenzi ma jkunux daqshekk hfief li tista' tigi trattata biss bis-silg! Konsegwentement ma jista` qatt kien li l-appellant, li huwa wkoll bniedem ta' ċertu statura robusta kif rat l-Ewwel Qorti meta xehed quddiemha, jikkaġunalha nefħa u ħmura biss kieku taha daqqa ta' ħarta bħalma xehdet hi!

Bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-appellant jissottometti li fl-umli fehma tieghu jekk wieħed joqgħod fuq l-iktar prova imparzjali imressqa f'dawn il-proċeduri u cioe' c-ċertifikat tat-tabib, jidher ċar li dak li kkostata t-tabib jimmilita favur dak li xehed l-appellant aktar milli lejn dak li xehdet l-parte civile!

Jidher bic-car lill-parti leza ghamlet minn kollox biex izzejjen il-fatti tant li meta mistoqsija in kontro ezami biex telabora rigward it-theddid li inqala' waqt l-incident de quo hija ma taghmel l-ebda referenza minkejja li waqt ix-xhieda taghha iktar qabel kienet ddeponiet lill-appellant kien jhedded li joqtolha u jaghmillha bomba! Jibqa' l-fatt li meta kellha kull opportunita` quddiem l-Ewwel Qorti li sseemmi f'hiex kien jikkonsisti tali theddid hija naqset milli ssemmieh. Li kien importanti ghaliha kienet li ssostni *"hu li gara dakinhar beda jimbotta bija l-bieb biex nitlaq il-barra u fajjarli daqqa go halqi."*

Illi dan kollu jinġieb fil-kuntest ta' dak li xehed l-appellant fejn qal li x'hin zelqitlu jdejh *"capcpet hekk qaltli prosit paxxejtni illum issa tkun taf xinhu gej ghalik u nizzlet it-tarag tal-komun tigri."*

Inkonsistenza grassa oħra hija meta l-parte civile ċaħdet lill-għajjat beda da parti tagħha! Kienet hija stess li ammettiet in kontro ezami li dakinhar tal-inċident daħlet normali d-dar u ħadd ma żammha milli tidhol. Tenut kont tal-fatt li l-appellant anke esebixxa irċevuta ta' mowbajl li kissritlu fl-incident u l-fatt li meta kienu l-għassa qajmet ħafna storbju bl-għajjat tagħha ta' "pulcinell" u lill-Pulizija kellhom johduha go parti oħra tal-għassa sabiex ma jeskalax il-ġlied huwa inverosimili li ma kinitx hija

li pruvat taqla' l-ġlied dakinhar tal-inċident u tipprova tivvinta opportunita` sabiex tkun tista' tmur tirrapporta l-għassa!

Jigi sottolinjat li tant kien pjanat dan il-mument da parti tagħha li mill-assjem tal-provi jidher car illi l-ewwel post li marret kienet għand il-Pulizija u mhux il-poliklinika sabiex tara eżattament x'għandha! Fl-umli fehma tal-appellant tajjeb lill-Qorti tinnota wkoll li skont l-affidavit ta' PC 747 R. Cini, Maria Cassar marret *"għal ħabta ta' 20:55hrs.. ġewwa l-għassa taż-Żurrieq"* u c-ċertifikat inħareġ ħamsa u għoxrin (25) minuta qabel. Dan kollu jfisser li f'temp ta' inqas min-nofs siegħa, f'ġurnata tax-xogħol filgħaxija f'maltempata,  il-parte civile kellha vista ġewwa l-poliklinika ta' Rahal Ġdid, inħareġ ċertifikat mediku u waslet l-għassa taż-Żurrieq!

Minkejja l-inkonsistenzi fix-xhieda taghha l-appellant xehed b'konsistenza anke meta dak li qal jigi mqabbel mad-dikjarazzjoni li taha il-Pulizija PC 747 R. Cini dakinhar tal-incident meta huwa mar jirrapporta l-ghassa taz-Zurrieq kien qal "li zelqitlu idu minn fuq il-bieb." L-appellant baqa' jinsisti l-istess kliem mingħajr tlaqliq.

Għalhekk, meta jiġi meqjus dan kollu jirrizulta lix-xhieda li qagħdet fuqha l-ewwel Qorti sabiex issib il-ħtija fl-imputat MA KIENET KREDIBBLI XEJN u dan għaliex huma bil-bosta l-inkonsistenzi u l-inverosimilitajiet li jeżistu fid-depozizzjoni tagħha. Konsegwentement ma tantx jista' jingħad lill-imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

In vista tal-fatt lit-tabib Mark Aquilina li invista lis-Sinjura Cassar dakinhar tal-incident u li rrilaxxja c-certifikat mediku ma xehedx f'dawn il-proceduri, l-appellant jixtieq jaghmel accenn ghal dak li intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **<u>fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi</u>** deciz fit-30 ta' Lulju 2004:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-*

*gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*

Illi in oltre, bir-rispett jigi sottomess li ma kien hemm l-ebda prova li tgħaqqad din il-ħmura mal-aġir tal-imputat u dan għaliex il-ħmura tista' tiġi b'diversi modi. Illi fil-fatt iċ-ċertifikat mediku ma jgħidx ma' xiex hija kompattibbli tali ħmura u stante lit-tabib ma ttelax jixhed f'dawn il-proċeduri l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal tali konklużjoni waħedha!

Fit-tieni lok, f'dan il-każ, l-appellant umilment iħoss li l-prosekuzzjoni mhux biss naqset milli tipprova n-ness bejn l-actus reus tal-offiża ħafifa , iżda wisq aktar naqset li tipprova l-element formali jew intenzzjonali għall-finijiet tal- imputazzjoni, u dan peress ma hemm xejn x'jindika li kienet teżisti l-mens res speċifika neċessarja għall-offiża ħafifa.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u dan fl-ewwel lok meta kkonkludiet illi l-appellant kellu l-intenzjoni, anke jekk wahda generika li jikkawza hsara fil-gisem tal-parti civili, u dan peress illi mil-provi prodotti, minn imkien ma rrizulta illi l-appellant kellu dik l-intenzjoni.

Illi l-element formali rikjest biex jissistuxxi r-reat ta' offiza volontarja, huwa l-intenzjoni, anke dik generika li tikkawza hsara, anke jekk tkun ta' portata zghira, u cioe' sempliciment 'the intent to cause harm', pero tali element xorta jrid jirrizulta mill-assjem tal-provi illi l-Qorti jkollha quddiemha. Fl-assenza ta' l-element formali ma jistax ikun hemm responsabbilta' penali. L-att materjali jrid ikun xorta sar bir-rieda u bil-volonta', sabiex tinstab htija kriminali. Fi kliem iehor, il-fatt illi l-ligi taghna f' dan ir-rigward dejjem giet interpretata fis-sens illi titlob biss prova ta' intenzjoni generika, ma jfissirx illi kwalunkwe azzjoni li tkun, la darba tikkawza hsara, hija awtomatikament prova ta' intenzjoni generika li tikkawza hsara. Hemm bzonn ta' provi li jsostnu dan. Illi konsegwentement sabiex jissustixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat mhux biss l-actus reus u cioe' l-fatt li gew ikkawzati danni fuq il-persuna, per konsegwenza ta' l-agir tal-persuna akkuzata, izda hemm bzonn li ssir il-prova illi l-akkuzat kellu l-intenzjoni, anke jekk ta' natura generika illi JWEGGA', anke jekk b' mod hafif.

Illi sabiex wiehed jiddetermina dan, anke skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, wiehed irid bilors jezamina bir-reqqa dak li rrizulta mill-provi, senjatament f' dak li jirrigwardja n-natura u l-kwalita ta' l-ghemil tal-persuna li wassal biex jikkawza l-hsara.

F'dawn il-proċeduri, l-imputat Antoine Cassar iddeċieda li jagħti d-depożizzjoni tiegħu u tajjeb li jsir aċċen f'dan ir-rigward billi din il-Qorti jogħġobha tifli bir-reqqa dak li kellu xi jgħid l-imputat dwar il-mument tal-battibek. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti rigward x'għandu xi jgħid fuq l-allegazzjoni tad-daqqa ta' ħarta huwa qal hekk:

*"Jiena daqqa ta' ħarta ma tajthiex, naf il-konsegwenzi. Li zelqitli idejha u ġiet go wiċċha dik ma nichadhiex imma daqqa ta' ħarta ma tajthieliex. Jekk tara r-records tiegħi qatt ma erfajt idejha fuq mara."*

Fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament mid-depozizzjoni ta' l-istess appellant, illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni, anqas wahda remota, li jwegga' lil Maria Cassar. Ghalhekk ma saritx prova tal-mens rea rikjesta mil-ligi sabiex iwegga' jew jagħmel ħsara fuq il-persuna tal-parte civile.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Attard,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x'inhu ntiz bl-element formali jew *mens rea*

*Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f'din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.*

Huwa minnu li f'kazijiet ta' offizi fuq il-persuna mhuwiex mehtieg li l-imputat ikollu l-intenzjoni specifika li jikkaguna l-feriti li effettivament hu jkun ikkaguna, izda huwa mehtieg biss animu nocendi generiku. F'dan il-kaz pero', il-Prosekuzzjoni qatt ma waslet biex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali l-intenzjoni tal-istess imputat li jwegga' lill-Maria Cassar.

Ghalhekk, ma tirrizultax xi intenzjoni negattiva, jew intenzjoni pozittiva indiretta u wisq anqas intenzjoni diretta tal-imputat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li *"l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal- kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu ... il-kwistjoni tib a' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent ...* (**Pulizija vs Kevin Sammut** (VDG 192/2008) 23.01.2009). *"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic- cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ...[sehh]... l-att"* (**Repubblika ta' Malta vs John Polidano et,** 12.12.2007).

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li *"huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni".*

L-Onorabbli Qorti ta'l-Appell spjegat u kkristalizzat il-punt ta' l-importanza ta' l-element intenzjonali, f'kawza fl-ismijiet **Il-Puliizja vs Doreen Zammit**, deciza fil-15 ta' Gunju, 2001. Il-Qorti filfatt rreteniet illi *'wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih…'*

Dan ifisser illi la darba mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta car u manifest illi l-imputat ma kellux l-intenzjoni, anqas generika, illi jwettaq ir-reat in dezamina, ossia li jikkawza hsara, anke zghira fuq il-persuna tal-parti leza, allura jsegwi illi huwa qatt ma seta ragonevolment u legalment jinstab hati.

Illi Qorti tista ssib htija biss a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u cioe' f' dan il-kaz illi tistabilixxi l-intenzjoni generika tieghu sabiex jikkawza hsara. Illi bir-rispett kollu, l-Qorti ma tistax tassumi, u tikkonludi di sua sponte illi la darba l-appellant zelqitlu jdejh waqt battibek, allura dan necessarjament kellu l-intenzjoni illi jikkawza hsara. Jigi umilment sottomess illi kieku l-appellant vera kellu l-intenzjoni, illi jikkawza anke hsara zghira lil Cassar, certament illi mhux sempliciment kien ser jizzulta li l-parti leza jkollha biss nefha u hmura u dan meta wiehed jikkonsidra wkoll l-ambjent li kienu fih meta kienu f'post privat fid-dar matrimonjali taghhom.

In konkluzzjoni, huwa rilevanti wkoll dak li jissotometti l-Profs Mamo, a rigward ta' kif Qorti ghandha tevalwa l-agir tal-persuna akkuzata, meta dan jikkawza griehi fuq il-vittma:

*The principle is that in the crime of bodily harm, a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued.*

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, HAVING REGARD TO THE MEANS USED BY THE OFFENDER AND HIS MODE OF ACTION one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. SHOULD THERE STILL REMAIN A DOUBT AS TO THE GRAVITY OF THE* RESULT AIMED AT BY THE OFFENDER, THE PRINCIPLE WILL NATURALLY APPLY- IN DUBIO PRO REO'.

Għaldaqstant għalkemm il-ġurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan għandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wieħed żbaljat, sabiex titwettaq ġustizzja. Infatti, fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Buhagiar** deċiża fl-għaxra (10) ta' April tal-elfejn u tmienja (2008) il-Qorti eżerċenti s-setgħa ta' Appell Inferjuri spjegat:

*Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din ilQorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w lgudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and*

*satisfactory" fid-dawl tarrizultanzi.* (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn )

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** mogħtija nhar it- tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) rriteniet:

*'Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Għaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabitu ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu.

3. **Piena Erogata**

Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-appellant qiegħed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva, u cioe' dik ta' priġunerija ta' tlett (3) xhur sospiża għal perjodu ta' sentejn (2).

Illi bir-rispett dovut meta wiehed iqis il-kaz de quo jirrizulta bic-car li anke jekk jiġi konċess li l-parte civile soffriet xi dannu hija soffriet dan sforz ta' incident li pruvat tahmi hi stess li safa' fl-ahhar mill-ahhar f'dannu tant negliġibbli li lanqas biss kellu bżonn kura jew trattament mediku. Di piu` Maria Cassar baqghet qatt ma ddeponiet jekk kienx hemm xi dbengil wara dan l-incident jew kellhiex tfittex iktar kura. F'dan il-kaz wiehed jasal biex jemmen għalhekk li verament ma kienx hemm dannu kbir. Illi kkonsidrat dan kollu, l-appellant umilment jissottometti li piena karcerarja anke

jekk sospiża hija wahda esaġerata u eċċessiva ghal-ahhar! Għaldaqstant l-appellant jitlob umilment li f'każ li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tagħżel li tikkonferma l-ħtija, tirriforma l-piena b'dana li din tkun waħda iktar mita u idoneja!

Illi bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bżonn li l-piena għandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Għalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-għan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u għaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament u l-età tal-appellant, din ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċenat u aċċettat, fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żminijiet ta' llum.

Illi f' dan l-istadju l-appellant jirrileva ukoll, illi ogni caso, il-piena moghtija lilu hija wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta,

sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li

m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:** "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-aggravju dwar in-nullita u talbu lil din l-Onorabbi Qorti sabiex f'kaz li tilqa' dan l-aggraavju tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex l-appellant ma jigix priv mid-dritt tieghu ta' doppio esame.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qed isostni li s-sentenza maoghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan ghaliex ma gewx segwiti id-dettami tal-artikolu 382 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti ghaddiet biex issibu hati minghajr ma l-ewwel '*semmiet il-fatti de quo*' u di piú sahaq li l-ewwel Qorti ma nizlitx l-imputazzjonijiet fil-parti disposittiva u cioe' fid-decide taghha.

L-Avukat Generali min naha tieghu qed jghid li d-difza qed thallat il-fatt mal-motivazzjoni li huma zewg binarji differenti. Isostni li skond dil-gurisprudenza nostrana l-Qorti ghandha ticcita biss il-fatti u ma hemmx bzonn quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm il-motivazzjoni tas-sentenza kif enuncjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Albert Caruana** [1]

**Kunsiderazzjinijiet legali.**

Din il-Qorti tibda biex tghid li l-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa differenti mill-artikolu 662(2) tal-Kap 9 fejn il-Qrati Kriminali hija marbuta li taghti r- ragunijiet taghha u timmotiva is-sentenza taghha.

Il-ligi tipprovdi is-segwenti:-

**Artikolu 382**:-

"*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat*"

**Artikolu 662(2):-**

"*Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni*":

Ghalhekk minn esami ta' dawn iz-zewg artikoli jirrizulta mill-ewwel id-differenza li ghandu ikun hemm f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali jew anke mill-Qorti Kriminali fejn f'dawn l-ahhar zewg qrati, l-ligi tesigi li jkun hemm " *ir-ragunijiet li jkunu waslu l-Qorti ghal dik id-decisjoni.*"

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal-kodici jew kull reat iehor li johloq ir-reat.

[1] Sentenza mghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar it-30 ta Jannar 2017.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk, li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfissra iwassal ghan-nullita' ta' sentenza bhala rizultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti mhumiex semplici formalita' izda rekwiziti necessarji ghall-validita' tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[2] il-Qorti irriteniet li:-

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'"*.

Jinghad ukoll li fis-sentenza citata mid-difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[3], gie ritenutli:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali"*.

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-**artikolu 382** ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita' tas-sentenza.

Tibda billli ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Carmel Polidano'**[4]fejn gie kkunsidrat:

*'Jigifieri għall-validita` huwa sufficjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir- reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l- Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha.*

[2] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340
[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)

Imbagħad l-**artikolu 662(2)** jipprovdi: *"Kull deciz joni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-decizjoni"*.

Jigifieri sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ma ssemmix ir-ragunijiet li wassluha għad-decizjoni tagħha ma titqiesx nulla. Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' ragunijiet, izda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza.

Sentenza li tikkjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma '*fatti*' fl-**artikolu 382** tal-**Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela[5]'**:

*'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi lappellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata lfatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall- imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati".'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis[6]** 1 fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone[7]** intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**"* fejn gie ritenut li :-

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

[6] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta' Gunju 2007.

[7] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*

*Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess* Kodici *w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"…issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari*

*w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. James Grima**[8]")

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[9] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

Dan iwassal lil din il-Qorti tezamina s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti sabiex tara jekk dak li qed jillamenta minnu l-appellant hux minnu u fit-tieni lok jekk tali aggravju iggibx in-nullita' tas-sentenza kif qed jintalab minnu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar il-5 ta' Gunju 2020, hemm referenza ghall-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzat illum appellant, ir-raguni ghaliex instab hati u cioe' ghaliex "*ikkaguna griehu li jitqiesu li huma hfief izda li l-effetti kkunsidrat dew ghal dak li hu gisem ta Marija Cassar hekk kif certifikat minn Dr Mark Aquilina hemm moralment importanza zghira.",* hemm dikjarazzzjoni ta' htija wara li ccitat l-artikoli tal-ligi ghar-reat li qed issibu hati taghha u cioe' dak ta' *ferita hafifa* u l-piena li qed tigi errogata *tlett zhur prigunerija sospiza ghall-perijodu ta sentejn*. Apparti li hemm ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-Qorti rat li l-elementi kollha kif fuq imfisra rikjesta skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali huma hemm u konsegwentement dan l-aggravju tal-appellant qed jigi respint b'dan, pero' li f'dawk il-kazijeit fejn l-ewwel Qorti sejra timponi piena karcerarja hija ghandha timmotiva is-sentenza biex dak li jkun, jkun jista' jintavola appell minn dak l-istes ragunament tal-Qorti. Minkejja li mhux obbligatorju f'kaz ta' piena prigunerija huwa rakomandabbli.

---

[8] Appell Kriminali deciz 8 ta' Marzu 2007
[9] Appell Kriminali deciz 19 ta' Frar 2014

Illi għalhekk in vista tad-diversi sentenzi li ingħataw minn din il-Qorti diversament preseduta tali nuqqas ta' fatti dikjarati li abbażi tagħhom intalbet in-nullita' kif sollevat mill-appellant ma jammontax għan-nullilta' ta' sentenza *stricto sensu* minkejja li jista' jagħti l-każ li jinpingi fuq id-dritt tal-akkużat għal-smiegħ xieraq sabiex ikun jaf ir-raġuni li fuqha instab ħati jew ġie liberat.

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-każ li sentenzi ta' din ix-xorta jiġu annullati u għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża.

**Il-Qorti għalhekk għal darb oħra tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Onorevoli Ministru tal- Ġustizzja bil-għan sabiex jara li tali artikolu jiġi emendat sabiex jirrifletti aħjar dak li għandha jkollha sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti.**

**(ft)** Consuelo Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur